**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju, 2016

Rikors Nru : 199/16 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elf disgha mija hamsa u disghin (1995), skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. 'A'**.

2. Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom zewgt itfal, li llum ghandom dsatax (19) u sbatax (17)-il sena rispettivament.

3. Illi l-partijiet ilhom separati legalment sa mid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv redatt minn Nutar Joseph Debono, li kopja awtentika tieghu qed tigi annessa, esebita u

mmarkata bhala **Dok. 'B',** flimkien ma' l-emenda relattiva hawn annessa bhala **Dok. 'C'.**

3. Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma ilhom legalment separati ghal aktar minn erba' (4) snin huma jghixu wkoll hajja totalment separata minn xulxin b'rabtiet familjari godda.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe hlas ta' manteniment dovut ghal ulied il-partijiet ai termini tal-kuntratt fuq imsemmi.

5. Illi da parti taghhom il-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u dan skond ma jirrizulta mill-klawsola numru tmienja (8) tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. Illi qed jigi anness mar-rikors odjern l-affidavit tar-rikorrenti nnifsu liema affidavit qed jigi esebit u mmarkat bhala **'Dok. D'**.

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma illi hija ma topponix ghat-talba ta' divorzju da parti ta' Jason Mizzi fir-rikors fuq indikat;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Mejju 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Mejju 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien gimghatejn millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.